MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Talba Numru. 236/2007

**International Insurance Brokers Limited (C12735)**

**Vs**

**Joseph u Francis Portelli f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Portelli Bros Tal-Bahrija Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Marzu 2007 li fih is-socjeta` attrici esponiet illi l-intimati kienu assikurati taht polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` Middlesea Insurance plc ghall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Marzu 2003 u l-20 ta' Frar 2004 u li kienet tikkonsisti f'*public liability trenching works policy.* Illi s-socjeta` esponenti agixxiet bhala broker bejn l-intimati u s-socjeta` ta' Assicurazioni Middlesea Insurance plc u hallset lil Middlesea is-somma ta' Lm448.58 inkluz il-bolli rapprezentanti premium ta' l-assikurazzjoni a favur ta' l-intimati. Illi l-intimati naqsu milli jirrifondu s-socjeta`

esponenti s-somma minnha mhallsa ghall-beneficcju ta' l-intimat u dan nonostante illi gew interpellati diversi drabi. Ghaldaqstant l-ammont ta' Lm448.58 huwa dovut mill-intimati lis-socjeta` esponenti u talbet lir-Tribunal jikkundanna lill-intimati jhallsu l-istess, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-intimati pprezentata fil-25 ta' April 2007 li permezz taghha eccipew illi s-socjeta` attrici ghandha fl-ewwel lok tiddikjara fuq liema artikoli tal-Ligi qed issejjes it-talbiet taghha. Illi b'rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri wara li jsir dak mitlub fl-ewwel eccezzjoni is-socjeta` attrici ghandha taghti prova kemm tal-hlas tal-polza in kwistjoni u kif ukoll tal-mandat li hija kellha minghand il-konvenuti jew min minnhom sabiex thallas tali polza taghhom jew min minnhom. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez. Illi f'kull kaz, anke fuq principji ta' ekwita` illi ghandhom jiggwidaw lil dan it-Tribunal, skond l-istess att kostituttiv tieghu, ghandu jkun hemm tpacija in toto jew in parte, u dan fid-dawl tat-talbiet rikonvenzjonali. Illi l-konvenuti qed jipprevalixxu ruhhom mid-dritt taghhom tal-ligi u jippromuovo kontro-talba.

Ra l-**Kontro-talba** tal-konvenuti rikonvenzjonanti li fiha esponew illi huma kellhom xi ingenji assigurati mas-socjeta` attrici rikonvenzjonata. Illi kien sehh incident li fih gaffa propjeta` tal-konvenuti rikonvenzjonanti kienet habtet ma' truck, ukoll propjeta` tal-konvenuti rikonvenzjonanti u kkawzatlu hsarat fis-somma ta' tliet mija u hamsin Lira Maltija (Lm350) jew somma ohra verjuri. Illi l-konvenuti kienu rraportaw l-incident mas-socjeta` attrici illi kienet accettat li jsir il-hlas tad-danni, u Matthew Hayes, direttur tas-socjeta` attrici, kien ra u kkostata d-danni personalment u ta l-assigurazzjonijiet tieghu illi l-hlas sejjer jigi effettwat. Illi minkejja dan tali hlas baqa` qatt ma sar lill-konvenuti rikonvenzjonanti. Ghaldaqstant talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lis-socjeta` attrici sabiex thallashom, lilhom jew min minnhom, is-somma ta' tliet mija u hamsin lira Maltija (Lm350) jew somma ohra verjuri, bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata ghall-kontro-talba tal-intimati li fiha eccipew illi l-pretensjonijiet tal-konvenuti kif dedotti fil-kontro-talba huma ghal kollox infondati u nsostenibbli fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi spjegat ukoll waqt il-kawza. Illi l-ebda ammont ma qatt kien u ma huwa dovut mis-socjeta` attrici rikonvenzjonata. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm huwa minnu illi kien hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici a favur ta' vettura tal-konvenuti illi kienet involuta fl-incident, il-polza relattiva kienet wahda illi tkopri biss "third party risks" u ghalhekk ma kienitx, kif pretiz mill-konvenuti tkopri l-allegati hsarat fil-vettura tal-konvenuti illi taghhom qed jigi pretiz il-hlas permezz tal-kontro-talba. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost qatt ma kien hemm qbil konklussiv dwar il-fatt illi s-socjeta` attrici kienet ser tkopri xi danni u kien hemm biss kunsiderazzjoni ta' hlas ex gratia, liema kunsiderazzjoni ma setghetx timmaterjalizza stante nuqqas ta' fatturi u stimi da parti tal-konvenuti. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda ta' **Matthew Hayes** in rapprezentanza tas-socjeta` attrici li waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2007 xehed li huwa Managing Director taghha. Jghid li r-raguni, jekk qatt tawh raguni, ghaliex ma sarx il-hlas kienet illi kellu xi claim fuq polza ohra li ma kelliex x'taqsam ma' din il-polza u x-xhud kien offra illi jgibulu l-claim biex jghaddiha lill-insurers biex jara jistghux jghinuhom. Huwa jenfasizza pero` li ma kellux x'jaqsam mal-polza in kwistjoni. L-istimi qatt ma waslulu u huwa ma setax javvanza l-claim ma' l-insurers, filwaqt li l-claim in kwistjoni baqghet pendenti.

Sema` x-xhieda tal-konvenut **Joseph Portelli** li waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2008 xehed illi huwa jahdem fil-kostruzzjoni ma' huh. Jghid li qed jikkontestaw it-talba attrici peress illi kellhom incident fejn kien involut wiehed mit-trakkijiet taghhom assikurat mas-socjeta` attrici. Jghid li s-Sur Hayes kien spezzjona l-vettura u qalilhom li kien kollox sew u kien ser jirrimedja hu. Jghid li d-danni stmati minn Mr Hayes innifsu kienu madwar Lm240 u kien

ghamel survey report hu stess. F'okkazzjonijiet precedenti l-assikurazzjoni kienet dejjem hallsithom izda din id-darba ma hallsithomx. Jghid li mbaghad huwa offra li ssir tpaccija u jhallas jew jithallas xi differenza a bazi tad-danni kkalkulati minn Mr Hayes ta' Lm240. Jghid li qatt qabel ma dahlu fil-kwistjoni tal-ircevuti u ma kinitx l-ewwel darba li saret tpacija bi flus li kellhom jaghtuhom fuq incidenti ma' xi polza li kienet dovuta.
In kontro-ezami x-xhud jikkonferma li l-polza li taghha ghandu jaghmel il-hlas ma hijiex l-istess wahda tal-vettura li soffriet l-incident.

Sema` x-xhieda tal-konvenut **Francis Portelli** li waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2008 xehed illi kien hemm incident fejn kienu laqtu trukk u kien gie Matthew Hayes u kienu qablu li kien hemm xi Lm240 hsara li l-insurance kellha ttihom pero` l-flus qatt ma waslu. Jghid li qatt ma riedu jcahhduh minn dak li kellhom ituh pero` dejjem offrewlu li ssir tpaccija. Huma kienu ftehmu ma' Matthew illi ssir l-istess tpaccija u fil-fatt dejjem hadmu hekk mieghu fis-snin precedenti.
In kontro-ezami x-xhud jghid illi l-incident in kwistjoni kien bejn zewg vetturi taghhom stess. Jghid li jiftakar li Hayes kien ma' xi insurance ohra u bidel id-ditta imma mid-data tal-incident lil hawn kienet dejjem is-socjeta` attrici. Jghid illi huma ma kienux jafu illi kienet Middlesea li kellha taccetta t-tort u mhux Matthew Hayes. Ma ghandux amment li ffirma xi karti dwar ir-responsabbilta` tas-socjeta` attrici u ma jiftakarx tax lil Matthew xi karti jew invoices dwar dan l-incident. Jghid li ma jafx Matthew Hayes huwiex surveyor izda jghid li dejjem hu mar biex jara. Jichad li Hayes kien qalilhom biex ituh l-ircevuti biex jghaddihom lil Middlesea ghax ma kienitx decizjoni tieghu.

In ri-ezami jikkonferma li l-ammont miftiehem ma' Hayes kien ta' xi Lm240 u hu kien accetta li jhallashom.

Sema` x-xhieda ta' **Matthew Hayes** in kontro-ezami li waqt is-seduta tas-17 ta' Settembru 2008 xehed illi fit-2003 ma baqghux Hayes Insurance u saru brokers u kienu nfurmaw lill-klijenti kollha li kellhom jiffirmaw *letter of appointment*. Jghid li fl-2004 zgur li kienu ghadhom

assigurati maghhom anke jekk qed jigi suggerit illi kien fis-sena 2003. Jghid li fis-sena 2000 – 2001 Joseph Portelli jew wiehed mill-impjegati tieghu kien irriversja fi trakk iehor tal-kumpanija li ma kienx kopert bil-polza peress illi danni fil-propjeta` tieghek stess hija dejjem eskluza mill-polza. Kien kellmu Joseph Portelli u x-xhud kien talbu stima jew ircevuta sabiex jitkellem ma' l-assikurazzjoni ghaliex id-decizjoni ma kinitx tieghu. Ma jeskludiex li kien tela` xi darba ghandhom u wrewh it-trukk in kwistjoni. Anke qabel it-2003 huma kienu agenti u hu ried jiddiskuti mal-assikurazzjoni. Ma jeskludiex illi kien qallu li l-hsara tammonta ghal xi Lm150 u ghalhekk ix-xhud kien qallu li jaf ma kienx ikun difficli li jigi rimborsat pero` dejjem talbu rcevuta jew stima. Huwa jghid li surveyor qatt ma baghtu fuq il-kaz. Jghid ukoll li stima jew ircevuta baqa` qatt ma rcieva u ma jaqbilx li ssir tpaccija ma' xi premium li kellu jithallas.

Fil-21 ta' Ottubru 2008, in kontinwazzjoni tal-kontro-ezami tieghu, Hayes xehed illi suggerit lilu li xi trukk tal-konvenuti kien involut f'incident go hajt ta' terza persuna u saret tpaccija ma' xi premiums jghid li ma jiftakarx dan l-incident.

In ri-ezami l-istess xhud jghid li hu kien qalilhom li jekk l-incident ikun bejn zewg trakkijiet ta' l-istess assigurat, anke jekk tkun *fully comprehensive* il-polza ma tkopriex l-incident.

Fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2008, **Joseph Portelli** in kontro-ezami xehed illi meta ffirma l-karti, Matthew Hayes kien infurmah li hu u huh kienu nfirdu u hu kien ser isir broker tal-Middlesea Insurance u b'hekk kien iffirmalu l-karti.

In ri-ezami jghid li Hayes qatt ma talbu ircevuti. Kien dejjem jaghmel set-off mal-kontijiet pendenti.

Sema` x-xhieda ta' **Francis Portelli** li waqt l-istess seduta xehed illi huwa ma ffirma ebda dokumenti. Mistoqsi x'kien ifisser ghalih meta Matthew Hayes sar broker jghid li hu dejjem kien jaf lil Matthew Hayes tant hu hekk li meta kien

hemm l-incident u tela` hu, ftehmu mieghu u dejjem iddealjaw mieghu. Jghid li anke ammetta li kien ser ihallas il-hsara u lilu qatt ma talbu rcevuti.

In ri-ezami jghid li s-sistema dejjem kienet li jaghmel set-off mal-kontijiet pendenti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi dwar it-talba principali, it-Tribunal ma ghandu ebda diffikulta` jiddikjara illi l-ammont riklamat mis-socjeta` attrici huwa dovut – u dan it-Tribunal isib sostenn f'dak illi qal l-istess konvenut Francis Portelli, kif hawn fuq jinghad – ossia illi "qatt ma riedna ncahhduh minn dak li kellna ntuh pero` dejjem offrejnilu li npacu d-differenza"[1]. Dan ifisser illi fuq u dwar is-somma riklamata mis-socjeta` attrici ma jidhrix illi l-konvenuti ghandhom diffikulta` - ghajr illi dejjem sostnew illi pero` kellha ssir tpacija ta' ma' somma allegatament dovuta lilhom wara hsara sofferta minnhom fuq trakk taghhom.

Illi t-Tribunal irid ghalhekk issa jara u jevalwa jekk it-talba tal-konvenuti ssibx sostenn fil-provi kollha migjuba. It-Tribunal qed jelenka is-segwenti rizultanzi li jimmilitaw kontra t-tezi tal-konvenuti.

(a) Ma jirrizultax illi qatt kien hemm ftehim bejn il-kontendenti, kif trid il-ligi, illi ssir tpacija bejn dak dovut lis-socjeta` attrici u dak allegatament dovut lill-konvenuti. Anzi, filwaqt illi s-socjeta` attrici tichad illi kien hemm ftehim, kif kkwotat Francis Portelli aktar il-fuq, dan jitkellem fuq offerta taghhom ghal tpacija u mhux ftehim.

(b) Il-konvenuti naqqsu milli jipprovaw, anke fil-grad li trid il-ligi f'proceduri bhal dawn, il-*quantum* tad-danni minnhom allegatament sofferti u mitluba fil-kontro-talba taghhom – tant illi filwaqt illi qed javvanzaw talba ghal

[1] Xhiedha Francis Portelli – 25.02.2008

Lm350, Francis Portelli xehed illi kienu qabblu fuq Lm240. Mhux biss imma la jidher illi qatt gew prezentati ricevuti jew stimi lir-rappresentant tas-socjeta` attrici u lanqas fil-kors ta' dawn l-odjerni proceduri. Aktar minn hekk, Matthew Hayes ghas-socjeta` attrici ma eskludiex somma fil-valur ta' Lm150. Il-quantum tal-valur minnhom riklamat, il-konvenut naqqsu milli jippruvawh.

(c) Illi filwaqt illi jirrizulta illi l-hsara sofferta fuq it-trukk tal-konvenuti kienet rizultat ta' habta ma' trukk iehor ta' l-istess konvenuti – il-polza ta' l-assikurazzjoni ma tkoprix hsarat f'incidenti simili bejn zewg vetturi ta' l-istess assikurat. Ghalkemm ma giet esebita ebda polza in sostenn ta' dan, dan xehdu Matthew Hayes.

(d) Illi s-socjeta` attrici kienet biss il-broker u s-socjeta` assikuratrici kienet Middle Sea Insurance Agency Limited – tant illi l-istess Matthew Hayes ghas-socjeta` attrici ighid illi d-decizjoni jekk il-konvenuti kellhomx jigu kkumpensati ghall-incident o meno kienet tas-socjeta` assikuratrici u mhux tieghu.

Tenut kont dawn ir-rizultanzi ghalhekk, it-Tribunal ma jistghax jghaddi sabiex jakkolja l-kontro-talba tal-konvenuti u wisq anqas ghalhekk isib raguni ghaliex jordna t-tpacija tal-ammont minnhom riklamat mal-ammont riklamat u gustifikat mis-socjeta` attrici.

Ghaldaqatant, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara illi sema x-xhieda u ra d-dokumenti kollha esebiti u sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghat-talba principali u l-kontro-talba taghhom, jilqa` l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba u kif ukoll it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti kif mharrka sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf u erba` u erbghjin Euro u wiehed u disghin centezmu (€1044.91) gja Lm448.58 ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti u bl-imghax mid-data tal-presentata ta' l-Avviz sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------